MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru 207/2005

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Desmond Bongailas

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 189585(M), akkuzat talli nhar il-5 Ta' Marzu 2005 gewwa Triq San Gorg Paceville bejn is-1.30 a.m. u 2.00a.m.:

1. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC448 Mark Bilocca u dan kif iccertifika Dr.C. Mercieca MD Tac-centru tas-sahha tal-Gzira u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess lok, data u hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma

titqiesx vjolenza pubbblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioè fuq il-persuni ta' PS1492 J. Pace, PS504 S. Ellul PC 448 M. Bilocca, Pc1130 B.Sammut , PC593 R. Flores u PC143 S. Grech ai terminu tal-Artikoli 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal- Pulizija ta' San Giljan u gewwa il- Kwartieri Generali tal- Pulizija ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. fl-istess lok data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjali pubblici imsemmija sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess ufficjali pubblici dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal- Pulizija ta' San Giljan u gewwa il- Kwartieri Generali tal- Pulizija ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li il-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

6. fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

7. fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-Artikolu 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Silvio Agius mill-Mosta u dan kif iccertifika Dr. C. Mercieca M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' qalziet tal-uniformi tal-pulizija ghad-dannu tal-korp tal-pulizija u tal-Gvern ta' Malta liema hsara ma teccedix il- Lm50 izda teccedi il-Lm10 u dan ai terminu tal-Artikolu 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' apparat installat (hand dryer) gewwa 'Latrina pubbliku' ghad-dannu tal- Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-Artikolu 325 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' apparat installat gewwa il-vettura GVP195 u cioe' 'tubi neon u side panels' ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-Artikolu 325 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. gewwa l-ghassa tal- Pulizija ta' San Giljan ghall-habta ta' 8.30 a.m. bil-hsieb li jaghmel hsara lill-membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija aktar l'fuq akkuza lill-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija quddiem l-Ispettur Mario Tonna u s-Surgent 419 A. Buttigieg b'reat filwaqt li taf li dawn l-ufficjali pubblici huma innocenti u dan ai terminu tal-Artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. gewwa l-ghassa tal- Pulizija ta' San Giljan ghall-habta at' 8.30 a.m. bil-qerq holoq jew giel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il- fatt jew cirkostanza ikunu jistghu il- quddiem jiswew bi prova kontra l-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija bil-hsieb li

b'hekk dawn l-ufficjali pubblici ikunu jistghu jigu kontra is-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat, billi iddenunzja quddiem l-Ispettur M. Tonna u is-Surgent 419 A. Buttigieg reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal- Artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan nhar il-5 ta' Marzu 2005 bil-hsieb li jtellef il-gieh jew inaqqas il-gieh ta' l-ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b'kitba b'disinji jew b'xi mod iehor immalafamahom u dan ai terminu tal-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta'htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemija ufficjali pubblici tal-Korp Tal-Pulizija u ta' l-persuni ohra imsemmija kif jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-addebiti kontra l-imputat isibu l-qofol taghhom f'incidenti li graw f'Triq San Gorg, Paceville, u dana wara xi danni li kienu gew kawzati f'latrina biswit post riservat ghal-parkeggjar tat-taxis u sussegwenti intervent ta' zewg sewwieqa taghhom u tal-pulizija. In segwitu tal-hsarat u incidenti li segwew mal-membri tal-pulizija, nhargu l-akkuzi, meritu din il-kawza, kontra l-imputat. L-istess huma imfirxa fuq feriti hfief, attakk u resistenza, ingurji u theddid, kif ukoll il-kalumnja, dawn ta' l-ahhar kontra membri tal-pulizija, u fuq offizi kontravenzjonali.

Trattati l-addebiti skond l-offiza, l-Qorti tissokta tghid kif isegwi:

- dwar il-feriti hfief hu allegat li huma gew sofferti mill-kuntistabbli 448 u Silvio Agius, wiehed mis-sewwieqa tat-taxis. F'dan ir-rigward xhedu il-persuni ikkoncernati li sofrew tali feriti u f'tali sens, wkoll billi x-xhieda taghhom ma tinstabx kontradetta minn imkien, anzi korroborata minn xhieda ohra, dan l-addebitu ghandu jigi mehud bhala sodisfacjentement pruvat.
- dwar l-addebiti migjuba li jikkoncernaw membri tal-korp tal-pulizija li kellhom jintervjenu minhabba l-agir inkonsult tal-imputat, l-Qorti tghid li huma, jigifieri dawn l-imputazzjonijiet, jippotizzaw l-offiza tal-attakk u resistenza, l-ingurji u t-theddid, u l-kalumnja. F'dan ir-rigward hemm bizzejjed provi li jinkjodaw l-imputat f'tali reati ghad eccezzjoni tal-kalumnja. L-intervent tal-pulizija kien wiehed f'waqtu. Huma, jigifieri l-Pulizija, kellhom mhux biss l-obbligu izda d-dover li jintervjenu imqarr biex izommu l-bon ordni. Kien fil-kors ta' dan li l-imputat irrezista u attakka u ingurja membri tal-korp tal-pulizija li sahansitra kellhom jimmanetjawh. L-imputat donnu ma kienx sodisfatt u akkuza lill-pulizija li uzaw vjolenza kontrih. Din l-asserzjoni pero' assolutament ma tirrizultax. Fic-cirkostanzi kien l-obbligu tal-pulizija li juzaw dik il-forza minima u ragjonevoli biex irazznu l-agir vjolenti tal-imputat. Pero' il-fatt li l-imputat imputa l-uzu ta' vjolenza kontra tieghu minn membri tal-pulizija (li verament, kontra taghhom, u minhabba f'hekk, setghu jinbdew proceduri kontra taghhom), saret fil-kors tal-istqarrija tieghu u kwindi nieqsa mill-ispontanjeta' li huwa rekwisit indispensabbli tar-reat ta' kalumnja. Isegwi, ghaldaqstant, li waqt li ghandha tirrizulta l-htija ghall-akkuzi trattati f'dan il-paragrafu mhux ukoll pero' treggi l-akkuza tal-kalumnja.
- dwar il-hsara volontarja li biha hu akkuzat l-imputat u li tikkonsisti fi' hsara f'uniformijiet tal-pulizija, f'xi apparat fil-lattrina u lil-vettura tal-pulizija, li jirrizulta univokament hija l-hsara fl-uniformijiet u dik lill-vettura. Dwar l-hsara fil-lattrina l-provi huma konfuzi b'tali mod li l-Qorti thoss li ma gewx pruvati sa dak il-grad rikjest mill-ligi.
- dwar l-offizi kontravenzjonali ghalkemm jirrizultaw u taghhom il-Qorti qeghdha ssib htija huma pero' esenti

minn piena fuq l-iskorta tal-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 li jittratta l-konkors ta’ reati u pieni.

Fuq il-premess, billi l-Qorti ser issib htija fl-imputat ghall-addebiti kif aktar l’isfel jinghad, dan qeghdha taghmlu fuq l-iskorta tax-xhieda li xehdu ‘viva voce’ fil-kors ta’ dawn il-proceduri izda mhux fuq l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess xhieda wisq aktar meta l-istqarrijiet lanqas jinsabu ikkonfermati bil-gurament quddiema; mentri fir-rigward il-hsara, sakemm tirrizulta, stante li hija ‘de minimis’ mhux sejra tadotta ebda provvediment ghajr ghas-sejbien ta’ htija.

Ghaldaqstant, l-Qorti mehuda in rassenja l-imputazzjoniet fis-segwenza kif inhuma riportati fl-akkuza qeghda ssib u tiddikara l-imputat hati kif ser tghid:

- tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba, l-hames, is-sitta, t-tmienja, d-disa u tal-hdax l-imputazzjoni. Ma ssibux hati tal-bqija u minnhom tilliberah.

Rat l-Artikolu 221, 95, 96(a), 325(c), 17(b)(d)(f) tal-Kap 9. Tikkundannah hames mitt Ewro multa komplessiva li tibda’ tithallas mill-ahhar ta’ Lulju 2012 b’rati ta’ 100 Ewro fix-xahar konsekuttivament u ininterrottament, altrimenti konvertibbli b’daqstant prigunerija skond il-ligi u tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ sena mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat is-sinifikat u r-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------